# Taghrif fuq programmi godda fl-iskeda tal-Harifa ta' Radju Marija

## TIBDA MINN NHAR IT-TNEJN 26 TA' SETTEMBRU 2011 U TINTEMM NHAR IL-HADD 25 TA' DICEMBRU 2011 ( NHAR IL-MILIED)

---

## Alla Hu Mhabba

**Produzzjoni u prezentazzjoni: Sister Theresa Camilleri, agostinjana**

**Jixxandar nhar ta' Erbgha fit-8.00pm b'ripetizzjoni nhar ta' Hadd fis-2.30am**

**Dan hu programm** li ser ikun ibbazat fuq l-Iskrittura b'applikazzjoni ghal ħajja tagħna. Fil-fatt se jlaqqagħna ma' diversi persunaġġi Bibliċi li se jgħinuk tiskopri li meta int tagħmel pass lejn Alla, Alla fl-imħabba tiegħU jqum minn fuq it-tron tiegħu u jagħmel **mitt** pass lejk. Se tiskopri wkoll li d-djufija u l-falliment tiegħek m'għandomx għalfejn jinkwetawk għax huma l-unika ħaġa prezjuza li tiġbed lil Alla lejk. Il-programm hu stedina għalik biex b'konvinzjoni u determinazzjoni tagħmel dan il-pass lejn Alla hekk kif int, bil-problemi, bid-diffikultajiet u bid-dnubiet tiegħek, perswaza li se tiġi milqugħa minn dan Alla li **<u>HU verament imħabba.</u>**

---

## Flimkien

**Produzzjoni u prezentazzjoni: Bord Editorjali tar-Rivista Flimkien li jinhareg mill-Kullegg tal-Kappillani**

**Jixxandar live kull nhar ta' Hamis fit-8.30pm b'ripetizzjoni kull nhar ta' Erbgha fis-1.30am**

F'dan il-programm ser jinqara artiklu mir-rivista li tkun harget f'dak ix-xahar partikolari filwaqt li ssir diskussjoni fuq l-istess silta. Jigu mwiegba d-diffikultajiet tas-semmiegha relatati ma' l-istess silta u li jkunu gew prezentati jew permezz tat-telefon jew permezz ta' sms.

---

# Fuq gwienah iz-Zghozija

**Produzzjoni u Prezentazzjoni ta' Duncan Ciappara**

**Jixxandar live kull nhar ta' Tlieta bejn id-9.00 u l-10.00 ta' filghaxija b'ripetizzjoni kull nhar ta' Hadd fin-12.30am**

Matul dan il-programm, żgħażagħ minn gruppi differenti ser jiddiskutu ma' mistiedna differenti temi li jvarjaw mill-enerġija u l-ambjent sar-reliġjon, it-toleranza u l-maħfra. Intom is-semmiegħa tistgħu tipparteċipaw fil-programm permezz tat-telefonati u l-messaġġi. Hu programm li minkejja ser jolqot direttament liz-zghazagh zgur ser jinteressa udjenza forsi anqas zaghzugha il-ghaliex permezz tieghu ikollhom opportunita' jkunu jafu kif tahsibha il-generazzjoni zaghzugha.




---

# Ghal sahhtek

**Produzzjoni u Prezentazzjoni ta' Valerie Farrugia bil-kollaborazzjoni tad-Direttorat tas-Sahha u l-Prevenzjoni mill-Mard**

**Jixxandar live kull nhar ta' Erbgha fil-11.00am b'ripetizzjoni nhar ta' Hadd fis-1.00pm**

Hu programm imtella’ bil-kollaborazzjoni tad-Direttorat ghall-Promozzjoni tas-Sahha u prevenzjoni mill-mard fejn matulu ser nitkellmu dwar l-importanza ta’sahhitna. Fost is-suggetti li ser niddiskutu insibu : il-kura tas-sider u l-beneficcji tal-halib tal-omm; x’ghandna nieklu u kif nixtru l-ikel li ghadna bzonn ghal sahhitna; id-dieta ghal xi kundizzjonijiet Medika, kif ghandna nedukaw lil uliedna fuq ikel tajjeb ghal waqt il-hin ta’ l-iskola.

---

## Hajjitna bil-lejl

**Produzzjoni u prezentazzjoni: Fr Charles Fenech OP, direttur ta’ Radju Marija**

**Jixxandar live kull nhar ta’ Erbgha bejn l-10.00pm u l-11.30pm**

Il-programm Hajjitna li jixxandar mit-Tnejn sal-Hamis fid-9.00am ser jibda jkollu edizzjoni specjali kull nhar ta’ Erbgha bejn l-10.00 pm u l-11.30 pm fejn Fr. Charles Fenech OP, direttur ta’ Radju Marija ser imexxi mumenti ta’ talb u formazzjoni nisranija kif ukoll permezz ta’ intervisti u telefonati jhares lejn dak kollu li jkun ghaddej fil-hajja tas-socjeta’ u b’mod specjali fil-hajja tal-Knisja u f’Radju Marija.

---

## Il-Ferh jitwieled minn qalbna

**Produzzjoni u prezentazzjoni ta’ Leonard Zerafa.**

**Jixxandar live kull nhar ta’ Tnejn bejn id-9.00pm u l-10.00pm b’ripetizzjoni nhar ta’ Sibt fil-5.00am**

Programm li se jidhol fil-fond ta' kif wiehed jew wahda jista' jikseb paci interna u sodisfazzjon fil-qalb permezz ta' sacerdot, psikologu u terapista. Matul il-programm il-mistiedna ser jaghtu pariri siewja u prattici ta' kif wiehed jista' jghix aktar seren u fil-paci fil-hajja tieghu jew taghha. Programm ibbazat fuq kitbiet tal-Gizwita (teologu u psikologu) John Powell. Is-semmiegha ikunu mistiedna jintervjenu b’sms jew telefonata.

---

## Il-Kelma t'Alla u l-Ewkaristija

**Produzzjoni u prezentazzjoni ta' Fr Frank Borg, dumnikan mghejjun minn Grace Gatt**

**Jixxandar kull nhar ta' Tlieta fis-7.00pm b'ripetizzjoni nhar ta' Sibt fis-1.30am**

F'dan il-programm tkun enfasizzata l-importanza tal-Kelma ta' Alla fil-Liturgija u fil-hajja ta' kull nisrani kif ukoll il-qawwa sagramentali tal-Kelma ta' Alla. Naraw ukoll kif il-liturgija hi l-benniena tal-Iskrittura. Jigi diskussi wkoll diffikultajiet pastorali marbuta mac-celebrazzjonijiet liturgici tal-quddiesa u sagramenti ohra. Fil-programm jippartecipaw ukoll esperti fil-Pastorali Liturgika.

---

## Knisja Hajja madwar id-Dinja

**Produzzjoni u prezentazzjoni ta' Fr Nicholas Cachia**

**Jixxandar kull nhar ta' Tlieta fil-11.00am b'ripetizzjoni dak in-nhar stess fis-7.30pm**

Matul dan il-programm naghtu titwila lejn il-Knisja Kattolika madwar id-dinja b'mod specjali kif din tidher permezz ta' gurnali, rivisti u websites tal-Knisja. Fil-programm nidhlu fil-fond ta' xi ahbar jew artiklu li jghinuna nifhmu ahjar il-mod kif il-Knisja qed tghix fir-realta' ta' zmienna fid-diversi partijiet tad-dinja. Dan ighinna biex napprezzaw izjed is-sbuhija ta' l-universalita' tal-Knisja kif ukoll nikbru fl-gharfien taghna tat-taghlim kattoliku.

---

## L-Agrikultura llum

**Produzzjoni u Prezentazzjoni : Tano Vella bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru ghar-Rizorsi u affarijiet rurali**

**Jixxandar live kull nhar ta' Tnejn bejn l-4.00pm u l-5.00pm b'ripetizzjoni nhar ta' Erbgha fin-12.30am**

L-iskop principali ta' dan il-programm huwa proprju sabiex jinghata taghrif generali dwar diversi aspetti li jkunu ghaddejjin f'dan is-settur importanti f'pajjizna. Huwa ippjanat li matul din is-sensiela jinghata taghrif dwar skemi ta' fondi ghal-bdiewa u r-rahhala, taghrif dwar mard stagjonali tal-pjanti, u taghrif iehor li jkun ta' interess ghas-semmiegha b'mod generali.

## L-Ikoni f'Hajjitna

**Produzzjoni u prezentazzjoni ta' Frederick Scerri**

**Jixxandar kull nhar ta' Tnejn fit-3.30pm b'ripetizzjoni kull nhar ta' Hamis fit-3.00am**

F'dan il-programm ser jinghata taghrif fuq x'inhuma l-Ikoni, x'tifsiriet ghandhom f'hajjitna kif ukoll issir prezentazzjoni ta' l-Ikona li tkun qed tigi trattata kull gimgha. Tkun mistharrga l-ikona partikolari mill-aspett bibbliku, teologiku jew mit-taghlim tal-Knisja. Ma tonqosx silta muzikali b'konnessjoni mas-suggett ta' l-Ikona li qed tkun mistharrga kif ukoll riflessjonijiet fuqha.

---

## Mill-Palk sal-Genna

**Produzzjoni u Prezentazzjoni ta' Brian Bonnici**

**Jixxandar nhar ta' Erbgha fis-7.00pm b'ripetizzjoni nhar ta' Tlieta fis-1.00pm**

Dan il-programm ser jaghti harsa lejn il-Musicals bil-Malti li ttellghu f'pajjizna : musicals dwar hajjiet il-Madonna u l-qaddisin. Minbarra li ser jindaqqu l-musicals kollha li ttellghu f'dawn l-ahhar snin f'pajjizna, jinghata taghrif dwar hajjet il-qaddisin u l-ambjent ta' madwarhom; l-involviment tal-ghaqdiet muzikali u l-kumpanijiu teatrali biex jittellghu tali musicals kif ukoll niltaqghu ukoll ma l-awturi u l-kompozituri u l-kantanti principali fejn nisimghu ukoll l-esperjenzi taghhom marbuta ma' dawn il-produzzjonijiet.

---

## Minn Fomm il-Kunsilli Lokali

**Produzzjoni u prezentazzjoni : Tano Vella**

**Jixxandar live kull nhar ta' Sibt bejn il-11.00am u nofsinhar b'ripetizzjoni nhar ta' Tlieta fin-12.30am**

Kif jista' wiehed jifhem ukoll mill-isem tal-programm, Tano Vella ta' kull gimgha ser jibda jlaqqghana mal-membri tal-Kunsilli Lokali, u maghhom ser jiddiskuti l-hidma fil-lokalitajiet rispettivi. Is-semmiegha jistghu jiehdu sehem live, sew permezz tat-telefon jew inkella permezz tal-sms. Minnn Fomm il-Kunsilli Lokali huwa l-programm li ser jaghti widen kemm lill-Kunsilliera, kif ukoll lic-cittadini sabiex flimkien niddiskutu u naraw kif sejra l-hidma tal-kunsilli lokali rispettivi u wkoll inharsu 'l quddiem ghal dak li hemm ippjanati ghall- futur

## Mulej, x'inhu l-bniedem biex tahseb fih?

**Produzzjoni u prezentazzjoni ta' Dun Hector Scerri**

**Jixxandar kull nhar ta' Tlieta fil-11.30am b'ripetizzjoni nhar ta' Sibt fl-4.30am**

Alla, fl-imhabba u l-providenza tieghu, huwa l-Hallieq tal-Univers. Ahna nafu hafna dwar id-dinja taghna u dak kollu li Alla halaq fil-pjaneta taghna. Fil-quccata tal-holqien, Alla halaq il-bniedem, xbieha tieghu. Il-bniedem gie mahluq bhala habib t'Alla, ghalkemm il-bniedem xellef din il-hbiberija. Matul dawn il-programmi se nisimghu taghlim dwar il-holqien, is-sens li tah Alla, kif ukoll dwar il-bniedem, mahluq mhux biss biex igawdi l-holqien, imma wkoll biex jikkopera m'Alla bhala l-gennien tad-dinja.

---

## Nghixu s-sbuhija tal-Familja Nisranija

**Produzzjoni u Prezentazzjoni**: *Avukat Dr Mark Fenech Vella* B.A., Dip.Trib.Eccl.Melit., LL.D u Avukat Dr Fiorella Fenech Vella B.A. M.A. (Theology), Dip.Tax., Dip.Trib.Eccl. Melit., LLD, flimkien mas-Sur Antoine Barbara

**Jixxandar live kull nhar ta' Sibt bejn l-10.00am u l-11.00am b'ripetizzjoni kull nhar ta' Hamis fis-1.00pm**

L-Ghan ewlieni tal-programm hu li jeduka u jghallem fuq il-Familja kif ukoll li johrog l-aspett pozittiv tal-Familja Nisranija. Aktar milli l-problemi li jolqtu l-familja maltija tinghata prominenza fuq is-sbuhija tal-familja nisranija u ghaliex familja nisranija. F'dan il-programm li jinkludi wkoll feature u hin ghad-diskussjoni, jippartecipaw fost l-ohrajn esperti mill-Moviment ta' Kana. Ser ikun hemm taqsima ta` madwar kwarta fejn l-avukat jispjega l-ligi tal-familja u ligijiet ohra relatati mal-familja.

---

## Qaddis hu dak li sejħilkom (1 Pietru 1:15)

**Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Fr. Victor Degabriele, ġiżwita.**

**Jixxandar live kull nhar ta' Tlieta fit-3.30 p.m., b'ripetizzjoni nhar ta' Ħadd fis-2.00 a.m.**

Il-Mulej Ġesu' qed isejħilna sabiex inkunu qaddisin u mhux biss tajbin, jew twajbin. Mattew 5:48 ipoġġiha: *Kunu perfetti*. Il-qdusija ma tfissirx biss li ma tagħmel xejn li jidher ħażin, imma dedikazzjoni, rieda qawwija li togħġob 'l Alla, li tfaħħru dejjem, u tbierku f'kollox. It-tjubija biss tagħti lok għall-kompromessi, għal xi dnubiet, għall-

konvenzjonalita’ (dejjem hekk għamilt!). Il-qdusija tfisser imħabba t’Alla bla kundizzjonijiet. Fit-tjubija biss, ikun hemm kundizzjonijiet, spiss moħbija. Il-qdusija ġġib ferħ ġenwin u liberta’. It-tjubija biss, ġġib doveri, u kollox ta’ bil-fors, u biża. Dan kollu ser ikun enfasizzat tul il-programm li jinkludi wkoll passaġġi mill-Iskrittura Mqaddsa.

---

# Sehmi fl-Ambjent

**Produzzjoni u Prezentazzjoni: Annette Vella b’kollaborazzjoni tal-Ministeru ghar-rizorsi u l-affarijiet rurali**

**Jixxandar live kull nhar ta’ Gimgha bejn l-4.00pm u l-5.00pm b’ripetizzjoni kull nhar ta’ Tnejn fis-1.30am**

Dan il-programm jinkludi taghrif fost l-ohrajn dwar x’wieħed għandu jagħmel biex jiffranka l-ħela f’dik li hi energija u ilma fid-djar u madwarna; x’wieħed jista’ jagħmel biex jagħti s-sehem tiegħu ħalli nnaqsu l-impatt tagħna fuq l-ambjent permezz ta’ użu ta’ sorsi alternattivi ta’ enerġija jew billi nbiddlu ftit l-istil tal-ħajja tagħna biex b’hekk aħna wkoll nagħtu s-sehem tagħna biex nilqgħu għall-bidla fil-klima. Jingħata wkoll tagħrif dwar xi skemi ta’ għajnuna li jkunu għaddejjin minn żmien għal żmien u kif wieħed jista’ jibbenefika minnhom.

---

## Programmi li ser jirritornaw wara assenza ta’ skeda jew aktar huma dawn li gejjin:

- **Hudni f’idejk** : produzzjoni u prezentazzjoni ta’ Paul Portelli u ser jixxandar kull nhar ta’ Gimgha bejn l-10.00pm u l-11.30pm;

- **Il-Hadd Kumpanija** : programm ta’ divertiment ipprezentat minn ghadd ta’ producers u li ser jixxandar kull nhar ta’ Hadd bejn is-2.00pm u l-5.00pm;

- **Il-Verita’ tehliskom** : programm ta’ katekezi immexxi minn Patri Damjan Cachia, Karmelitan u li ser jixxandar live kull nhar ta’ Tnejn bejn il-11.00am u nofsinhar b’ripetizzjoni nhar ta’ Hamis fin-12.30am;

- **Iz-Zwieg...is-sitwazzjoni u r-realta’ llum**: programm li jitratta l-familja bi produzzjoni u prezentazzjoni ta’ Julian Sant Fournier mghejjun minn Fr Vince

Micallef, dumnikan. Jixxandar live kull nhar ta’ Tnejn bejn is-7.30pm u t-8.30pm b’ripetizzjoni nhar ta’ Sibt fis-6.00am.

- **Kif jitkellmu n-nies :** programmi li jitratta suggetti attwali u li jkun prezentat mill-Kanonku Charles Vella**.** Jixxandar live kull nhar ta’ Hamis fis-2.00pm b’ripetizzjoni nhar ta’ Tnejn fin-12.30am

- **Nixxiegha Dumnikana:** programm imtella’ mil-Lajci Dumnikani. Jixxandar live kull nhar ta’ Gimgha fis-7.00pm b’ripetizzjoni nhar ta’ Hamis fis-1.30am

- **Sejjahli u jien inwiegbek:** programm bi produzzjoni ta’ prezentazzjoni ta’ Vince Marshall u li jixxandar live kull nhar ta’ Tnejn bejn l-10.00pm u l-11.30pm;

- **Vexillum :** programm imtella’ mill-Legjunarji ta’ Marija u li jixxandar kull nhar ta’ Gimgha fis-7.30pm b’ripetizzjoni kull nhar ta’ Tnejn fl-4.30am

---